**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-26 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur. Nru.: 215/2020 JPG**
**Kawza Numru : 24**

**CF**
***Vs***
**BF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CF datat 25 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sbatax ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (17/10/2009) u miz-zwieg taghhom twieled Z nhar X;*
2. *Illi kif ser jigri ppruvat fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn minhabba eccessi, sevizzi, ingurji, gravi, theddid, vjolenza u anke adulterju kommessi mill-intimat fuq martu, b'konsegwenza ta' liema l-hajja konjugali ma baqghetx iktar possibli;*
3. *Illi l-intimat ma jridx jaccetta l-pass li hadet martu u anke tul il-medjazzjoni huwa baqa' jippruva jibqa' jikkundizzjona lill-martu, anke b'theddid, kif del resto ghamel tul iz-zwieg taghhom kollu;*
4. *Illi ghalhekk il-partijiet ma setghu qatt jaslu ghall-ftehim u fil-fatt l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat b'digriet tat-tnax ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (12/11/2020);*

*Jghid ghalhekk il-intimat , ghalfjen din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza u anke adulterju kommessi mill-intimat fuq martu; liema fatti rrendew il-hajja konjugali impossibbli u konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*
2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-wild minuri esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Omm, b'dana illi l-minuri jkompli jirrisjedi mal-Omm li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri , kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno' ta' passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat ;*
3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, ikluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha, t'edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari tal-istess minuri;*
4. *Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond l-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat ddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu r-rikorrenti;*
5. *Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salajru jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*
6. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-intimat jitqies li*

*ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq kwalsiasi konvenju u att sussegwenti ghall-istess xoljiment;*

7. *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-fond fl-indirizz 11, Triq Arturo Dimech gewwa z-Zurrieq m'ghandux ikompli jitqies bhala d-dar konjugali tal-partijiet u kosegwentement tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u parentorju jallonta ruhu mill-istess fond, stante li dan huwa propjeta' parafernali tar-rikorrenti Mara. B'dana illi fin-nuqqas tordna li l-istess intimat jigi zgumbrat mill-istess fond bl-intervent tal-Pulizija u l-Marixxalli;*
8. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*
9. *Tordna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess rikorrenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*
10. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminjazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-esponenti;*
11. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-eventwali sentenza ta' separazzjoni fir-regsitru pubbliku;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Jannar 2021 vide fol 17;

Rat ir-risposta guramentata ta' Brian Falzon datata 9 ta' Frar 2021, a fol 18, li taqra hekk:

*Illi ssir referenza ghar-rikors ta' Carmen Falzon ipprezentant fl-atti tal-kawza surreferita datata l-20 ta' Dicembru 2011.*

1. *Illi in kwantu ghall-ewwel talba attrici, l-esponenti jikkonferma illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u t-talba ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghandha tigi milqugha.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u a kuntrarju ghal dak illi qieghed jigi sottomess mill-attrici t-tkissir taz-zwieg gara da parti tal-attrici stess, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk it-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment da parti tal-intimat ghandha tigi michuda.*
3. *Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici l-esponenti ma jsibx oggezzjoni sabiex l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici, bil-kundizzjoni illi l-esponenti jigi allokkat dawk il-hinijiet u granet t'access kemm fil-weekends kif ukoll f'festi pubblici u attivitajiet ohra u sabiex l-esponenti jippartecipa f' dawk id-decizjonijiet strardinarji li jinvolvu l-minuri.*
4. *Illi fir-rigward tat-tielet talba l-esponenti m'ghandhux konstestazzjoni, bil-kundizzjoni illi jekk il-minuri jaghlaq it-tmintax -il sena u jiddeciedi jieqaf mill-istudji tieghu l-esponenti ma jkunx izjed obbligat sabiex jghaddi l-manteniment lill-attrici ghall-minuri u dan anke jekk tali minuri ma jkollux impjieg fuq bazi full-time jew part-time.*
5. *Illi fir-rigward tar-raba talba din ghandha tigi michuda stante illi l-attrici ghandha mpjieg regolari.*
6. *Illi fir-rigward tal-hames talba din ghandha tigi michuda stante illi qabel ma giet intavolata din il-kawza l-attrici qatt ma sabet oggezzjoni sabiex il-mantenimet ghall-minuri mill-esponenti jitghadda dirett mill-kont bankarju tal-espoentni u/jew b'permezz ta' cash in hand jew cheque mahrug f'isimha.*
7. *Illi fir-rigward tas-sitt talba din ghandha tigi michuda in kwantu biss fejn ir-rikorrenti qieghda tikkonsidra d-dekadenza tal-esponenti.*

8. *Illi fir-rigward tas-seba' talba m'hemmx kontestazzjoni salv illi l-esponenti ghandu jigi kkumpensat ghal dak kollu li huwa kkontribwixxa sew f'materjal kif ukoll mano d'opera sabiex jinbena l-istess fond fuq l-art parafernali tar-rikorrenti u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.*
9. *Illi fir-rigward tat-tmien talba hemm qbil min-naha tal-esponenti.*
10. *Illi fir-rigward tad-disa' talba din ghandha tigi michuda stante illi dak li gie ndikat mir-rikorrenti diga jinstab fil-pussess taghha u semai hija r-rikorrenti li ghandha tghaddi l-affarijiet li jappartjenu lill-esponenti inkluz file isfar li fih jikkonsisti dawk l-ircevuti li nhargu f'isem l-esponenti meta hu kkontribwixxa ghall-bini tad-dar matrimonjali.*
11. *Illi fir-rigward tal-ghaxar talba din ghandha tigi michuda in vista tal-fatt illi l-Artikoli 48 al- 53 ta' Kap. 16 m'humiex applikabbli f'dan il-kaz u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri.*
12. *Illi fir-rigward tal-hdax it-talba hemm qbil min-naha tal-esponenti.*
13. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta' Novembru 2021 vide fol 112;

Rat in-nota ta' Carmen Falzon datata 21 ta' Marzu 2022 vide fol 201 et seqq.;

Rat in-nota ta' Brian Falzon datata 16 ta' Mejju 2022 vide fol 260;

Rat in-nota ta' Brian Falzon datata 10 ta' Novembru 2022 vide fol 399;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru 2022 u tat-22 ta' Dicembru 2022 li permezz tieghu harget Ordni ta' Protezzjoni favur l-attrici u kontra l-intimat vide Fol 406;

Rat in-nota ta Brian Falzon datata 30 ta’ Jannar 2023 vide fol 445;

Rat in-nota ta’ Carmen Falzon datata 1 ta’ Frar 2023 vide fol 453;

Rat in-nota tal-Perit Tekniku datata 4 t’April 2023 vide fol 555;

Rat in-nota ta’ Brian Falzon datata 27 ta’ Marzu 2023 vide fol 556;

Rat in-nota ta’ Carmen Falzon datata 15 ta’ Mejju 2023 vide fol 561;

Rat in-nota ta’ Brian Falzon datata 2 ta’ Gunju 2023 vide fol 565;

Rat in-nota tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datata 14 ta’ Gunju 2023 vide fol 574;

Rat in-nota konġunta tal-partijiet datata 11 ta’ Lulju 2023 vide fol 578;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Carmen Falzon datata 4 ta’ Novembru 2024 vide fol 638B et seqq.;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’  Brian Falzon datata 25 ta’ Novembru 2024 vide fol 675 et seqq.;

Rat in-nota ulterjuri ta’ Carmen Falzon datata 11 ta’ Frar 2025 vide fol 701;

Rat in-nota replikattiva ta’ Brian Falzon datata 4 ta’ Marzu 2025 vide fol 711;

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha kawza li fiha l-attrici qieghda titlob il-firda personali minn ma’ zewgha l-intimat  minhabba allegat eccessi u sevizzi, theddid, vjolenza u anke adulterju. Il-fond matrimonjali tal-partijiet allegatament jappartjeni lill-attrici bhala propjeta’ parafernali izda l-intimat  jikkontendi li ghandu jigi rimborsat tal-benefikati li saru matul iz-zwieg tal-partijiet.

Din il-Qorti rat illi minkejja l-oggezzjoni tal-attrici, hija hatret lil Perit Godwin Abela sabiex jaghmel stima tal-valur tal-kostruzzjoni tad-dar u tal-benefikati li saru.

Din il-Qorti rat id-digriet taghha ta' nhar is-17 ta' Novembru 2022 (fol. 477) fejn ordnat il-hrug ta' Ordni ghall-Protezzjoni[1] tal-attrici u ordnat il-waqfien immedjat tal-access bejn il-intimat u iben il-partijiet. Dan wara li l-Qorti rat il-provi mressqa quddiemha li l-intimat kien qed juza' kliem vulgari u oxxen waqt konversazzjonijiet mal-minuri, kif ukoll f'diversi messaggi indirizzati lill-attrici li kopja taghhom giet annessa mal-istess rikors. Din l-imgieba kienet qed thalli mpatt negattiv fuq il-minuri. Fir-risposta tieghu, il-intimat jitlob li l-provi tal-attrici annessi mar-rikors jigu sfilzati minhabba li kienu ttiehdu minghajr kunsens u gew intavolati wara l-gheluq tal-provi taghha. Inoltre l-intimat jghid illi l-attrici kienet ilha tipprovokah billi kienet qieghda tiehu l-*mobile* tat-tifel ghal sieghat twal sabiex ma jkunx jista' jaghmel kuntatt mieghu jew toqghod taghmel l-istorbju waqt li jkun fuq telefonata ma' ibnu. Jghid illi l-attrici kemm-il darba kienet tikkuntatjah sabiex izomm lill-minuri barra mill-hinijiet tal-access izda imbaghad kienet tippreferi thalli lill-minuri ghand ommha milli issaqsi lilu biex ma jkunx jaf li kienet ser tohrog. Lanqas kienet tikkuntenta lit-tifel meta dan kien jesprimi li kien jippreferi joqghod mal-intimat milli ma' nanntu. Jispicca billi jghid illi l-access taht supervizjoni normalment jigi ordnat meta jkun hemm vjolenza jew biza' izda dan ma giex pruvat li kien il-kaz.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors tal-intimat datat 23 ta' Novembru 2022 (fol. 506) li permezz tieghu talabha li r-*recordings* tat-telefonati tal-intimat mal-attrici jew ma' ibnu jkunu sfilzati minhabba li l-attrici ma kienitx talbet l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti qabel ezebiethom u lanqas kienet ipprezentathom waqt l-istadju tal-provi taghha. Ghalhekk, skont il-intimat , dawn gew ipprezentati f'dan l-istadju sabiex tipprovoka aktar. Fir-risposta taghha l-attrici tghid illi hija moralment kif ukoll legalment responsabbli mill-benessere ta' binha u dawn il-messaggi mimlija tghajjir u theddid kienu qed jaffetwaw lit-tifel b'mod negattiv.

[1] L-Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 37(2) tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta tinsab a fol. 504 tal-process u tipprojbixxi lil BF milli javvicina jew isegwi l-movimenti ta' CF , tipprojbixxi l-access tal-intimat a ghad-dar matrimonjali u li ghandu jzomm id-distanza, tipprojbixxi lill-istess milli jikkuntatja lil CF .

Din il-Qorti rat id-digriet taghha tat-22 ta' Dicembru 2022 (fol. 414) li permezz tieghu din il-Qorti ordnat li jitresqu bhala xhieda l-haddiema socjali fi hdan id-Direttorat ghal Harsien tat-Tfal li zammew interventi ma' iben il-minuri quddiemha bhala xhieda u dan minkejja li l-istadju tal-provi tal-attrici kien maghluq.

Din il-Qorti rat in-Nota ntavolata fl-4 ta' April 2023 minn Jeanluc Chetcuti in rapprezentanza tas-Servizzi tal-Qorti fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal dwar investigazzjoni li zamm l-istess Direttorat. L-attrici stqarret mal-haddiem socjali li ma kellhiex thassib dwar it-tifel meta jkun mal-missier. Min-naha tieghu, l-intimat kien esprima d-dispjacir li kull nhar ta' Sibt it-tifel kien qed ikun ma' nanntu u mhux mieghu. Il-haddiem socjali tkellem mat-tifel waqt vizta gewwa l-iskola u t-tifel esprima li jhobb liz-zewg genituri b'mod ugwali u xtaq li jqatta' aktar hin ma' missieru, mhux is-Sibt biss. Ir-rakkomandazzjoni tal-haddiem socjali kienet li tizdied gurnata ohra tal-access. In segwitu ghal tali rapport, din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar il-6 ta' Gunju 2023 (fol. 569) estendiet l-access tas-Sibt kif ukoll ghal darbtejn matul il-gimgha u cjoe kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn l-4.30pm u s-7pm. Minkejja dan id-digriet, din il-Qorti giet infurmata permezz ta' nota ntavolata nhar l-14 ta' Gunju 2023 (fol. 574) illi d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal ma kienx f'pozizzjoni li joffri tali ammont ta' sieghat f'access supervizjoni (SAV) minhabba decizjoni ezekuttiva mehuda mid-Direttorat li jalloka massimu ta' erba' (4) sieghat f'SAVs lil kull kaz.

Din il-Qorti regghet rat ir-rikors intavolat konguntivament mill-partijiet nhar il-21 ta' Lulju 2023 (fol. 580) li permezz tieghu talba varjazzjoni fl-ordni tal-access taht supervizjoni in vista tan-nota tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal. Ghalhekk permezz ta' digriet ta' nhar l-24 ta' Lulju 2023, l-access tal-missier gie saghtejn t-Tnejn u saghtejn is-Sibt fuq barra l-edificcju tad-Direttorat.

**<u>Il-Verzjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa Minnhom:</u>**

L-attrici xehdet quddiem din il-Qorti (fol. 33) waqt liema testimonjanza hija ezebiet diversi ritratti. L-attrici xehdet illi l-problemi bejn il-partijiet bdew daqs hames snin qabel l-intavolar tal-proceduri odjerni minhabba li kienet irceviet messagg minghand kollega taghha u l-intimat kien haseb hazin fiha. Tghid illi l-ewwel darba li refgha idejh fuqha kienet fil-gurnata tal-Milied meta kienet fuq is-sufan mat-tifel. Dan minghajr ma kien hemm l-ebda glied jew argumenti bejniethom qabel. Tghid illi kien hemm incident

iehor fejn l-intimat kisser bieb u hgiega u l-Pulizija kienu resquh il-Qorti izda imbaghad l-attrici kienet hafritlu. Tghid illi l-intimat kien jghajjar lilha u lil missierha ghal xejn b'xejn u tissupetta li dan kien minhabba x-xorb eccessiv tieghu. L-intimat gieli kien jibda jixrob minn filghodu. Tghid li minn meta miet missieru, l-intimat zied fix-xorb. Kien beda b'nofs flixkun inbid izda imbaghad bdiet issib il-flixken vojta mohbija. Kien kisser l-*switches* kollha tad-dar b'daqqa ta' ponn f'okkazzjoni wahda. Tghid li gieli waslet lura d-dar mix-xoghol u kienet isib kontracezzjoni fuq it-tarag. L-attrici ezebixxiet ritratti wkoll tal-hwejjeg u basket taghha mqattghin. Uriet ukoll ritratti tal-hmieg li kien ihalli l-intimat bhal likwidu u sigaretti fuq it-tarag, u *cushions* imqattghin. Fir-ritratti ezebiti jidhru wkoll messaggi li bghatt lill-mara li maghha kellu relazzjoni extramaritali. Mill-aspett finanzjarju l-attrici tghid li ma kienx jikkontribwixxi tant li darba meta spiccawlha l-flus u riedet tixtri pizza lit-tifel qalilha biex tmur ma' irgiel ohra ghal flus. Minflok l-attrici kellha ddur fuq ommha.

Inoltre l-attrici intavolat nota nhar il-25 t'Ottubru 2021 (fol. 42) li permezz taghha ezebixxiet rendikont bankarju tas-self tal-partijiet relatat mal-fond matrimonjali. Skont dan ir-rendikont (fol. 43 et seq.) f'Ottubru 2009, is-self kellu bilanc pendenti ta' erba' u hamsin elf, erbgha u sebghin euro (Eur45,074) waqt li f'Ottubru 2011, dan is-self kellu bilanc ta' wiehed u erbghin elf, disgha u sebghin elf (Eur41,079).

L-attrici xehdet in kontro-ezami (fol. 265) fejn ezebiet set ta' ricevuti li juru li l-ispejjez ghal bini tad-dar matrimonjali sar minnha qabel iz-zwieg. L-ircevuti gew rilaxxati f'isimha jew f'isem missierha ghajr ghal dik li tinsab a fol. 240 li nharget f'isem il-intimat izda l-attrici xehdet illi harget hekk ghax kien mar ihallas hu izda kienet hi li kienet taghtu l-flus. Fuq mistoqsija jekk Brian kienx jghin fil-bini tad-dar matrimonjali, l-attrici xehdet illi kien gieli jmur hdejn il-bennej u gieli kien jghinu izda ma kienx hareg flus ghal bini. Huwa kien jghin ftit fil-bini, fl-installar tat-trinek tal-ilma, fit-twahhil tal-kmamar tal-banju.

In kontro-ezami l-attrici (fol. 622A), mistoqsija dwar l-incident ta' swat fejn allegatament il-intimat ikaguna griehi gravi f'wicc l-attrici, l-attrici tghid li kienet ghamlet zewg rapporti l-ghassa u d-darbtejn hafritlu. Tghid li peress li hu missier it-tifel ma xtaqietx tarah il-habs. Tghid li damet tittama li ssalva z-zwieg izda kollox inbiddel meta sabitlu l-messaggi bi prova li kellu relazzjoni extramaritali ma' habiba

taghhom. Tghid illi lit-tifel qed jikkawzalu ansjeta' bhal meta cempillu lejliet ezami sabiex jghidlu li kienet kelmitu l-haddiema socjali. Meta giet mistoqsija dwar il-hrug fi tmiem il-gimgha, l-attrici tghid li hafna drabi tohrog lit-tifel maghha izda jkun hemm drabi li vera thallih m'ommha. Tghid illi l-intimat xtara televizjoni ghall-minuri izda imbaghad ma hallasx sehmu mill-mizata tal-iskola. L-attrici tghid illi kull telefonata li jkollu mat-tifel ikun irid ikun jaf fejn qieghdin u jissuggerilu li jkun qieghed ghand nanntu. Kemm-il darba semghetu jghajjarha ghaliex tkun qieghda hdejn it-tifel. Dwar l-ispejjez, hija m'ghandhiex mod kif tinfurmah ghaliex hija bblokatu mill-komunikazzjoni maghha. Tghid illi spejjez tal-lezzjonijiet tal-privat ghat-tifel qatt ma qasam maghha.

Sabiex tikkorroborra l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti xhieda:

**Gabriella Marmara** in rapprezentanza tal-APS Bank, (fol. 57) iddikjarat li l-partijiet ma kellhom l-ebda relazzjoni bankarja mal-bank rapprezentat.

**Rowena Azzopardi** in rapprezentanza tal-BNF Bank, (fol. 59) iddikjarat li l-partijiet ma kellhom l-ebda relazzjoni bankarja mal-bank rapprezentat.

**Jeanette Lepre** in rapprezentanza tal-Lombard Bank, (fol. 61) iddikjarat li l-partijiet ma kellhom l-ebda relazzjoni bankarja mal-bank rapprezentat.

**Johanna Bartolo** in rapprezentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.*, (fol. 63) iddikjarat li l-attrici kellha zewg kontijiet intestati f'isimha li kienu ghadhom miftuhin u rendikont ta' tali kontijiet gew ipprezentati mix-xhud. Il-intimat kellu kont mal-bank rapprezentat bejn l-2001 u nghalaw f'Novembru 2009.

**Lorraine Attard** in rapprezentanza tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.*, (fol. 65) iddikjarat li l-attrici kellha zewg kontijiet intestati f'isimha miftuha mal-bank rapprezentat, kif ukoll karta tal-kreditu li kienet inghalqet fis-sena 2020. Kont intestat f'isem il-intimat kien inghalaq fis-sena 2018. Kontijiet kongunti kien hemm tnejn pendenti bejn il-partijiet, wiehed ta' natura kurrenti u wiehed ta' natura ta' tfaddil. Imbaghad il-partijiet kellhom self pendenti bejniethom.

L-istess xhud xehdet (fol. 131) fejn ezebiet l-ahhar rendikont tal-kont tal-intimat qabel l-kont gie maghluq minnu; kopja tas-*sanction letter* mahruga ghas-self f'isem il-partijiet, kopja ta' cekk (fol. 97) ghall-ammont ta' hamsin elf euro (Eur50,000) mghoddi lill-entrambi mill-partijiet nhar it-18 t'Ottubru 2011; u kopja tal-ahhar rendikont tal-kont kongunt f'isem il-partijiet li juri l-ahhar pagament li sar sabiex gie saldat is-self tal-partijiet liema pagament sar mill-kont kongunt tal-partijiet fl-ammont ta' wiehed u erbghin elf, mitejn u erbghin euro u tmienja u tmenin centezmu (Eur41,240.88).

**Louis Buhagiar** in rapprezentanza tal-Jobsplus, (fol. 76) ezebixxa l-*employment history* tal-partijiet. Skont tali dokument, l-attrici bdiet tahdem fuq bazi *full-time* f'Jannar 2000 u baqghet dejjem fl-istess impjieg. Il-intimat biddel diversi impjiegi mas-snin, uhud li zamm ghal ftit xhur biss. Jidher illi l-intimat l-aktar li kien dam kien f'impjieg ma' D.B. Installation Services Ltd li fih kien ghamel mill-2004 sas 2017. Filfatt huwa kien biddel l-impjieg ghal erba' (4) snin u sussegwentement kien rega' mar lura jahdem mal-istess socjeta' sal-prezent.

**Dr Christopher Spiteri** in rapprezentanza tal-Transport Malta, (fol. 76) ezebixxa rendikont tal-vetturi li kienu jew li ghadhom jappartjenu lill-partijiet. Skont tali rendikont, il-partijiet ghandhom vettura kull wiehed registrata fuq isimhom, l-attrici ghandha Nissan March bin-numru ta' registrazzjoni FCE 393, filwaqt li l-intimat ghandu Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni CFB017 registrata fuqu.

In-nota tar-rapprezentanta tad-**Direttur tar-Registru Pubbliku**, l-Av Marita Pace Dimech (fol. 112) u li maghha gew annessa kopja tar-ricerki li saru f'isem il-partijiet. Stante li r-ricerki saru fuq l-attrici bil-kunjom taz-zwieg, telghet biss dikjarazzjoni *causa mortis* li permezz taghha l-attrici kienet wahda minn hafna eredi ta' zija taghha. Min-naha l-ohra fuq il-intimat irrisultat iskrizzjoni ta' ipoteka fuq fond li jappartjeni lill-attrici xebba u din l-ipoteka harget bhala garanzija ghal self li hadu l-partijiet fis-sena 2008 meta kienu ghadhom mhux mizzewgin fl-ammont ta' sebgha u erbghin elf euro (Eur47,000). Fis-sena 2012 **kien hemm kancellament** tan-nota hawn imsemmija.

**Janica Bellizzi**, in rapprezentanza tad-*Domestic Violence Unit* fi hdan l-Agenzija Appogg 2021 (fol. 140) ipprezentat kopja tan-noti li s-servizz zamm b'relazzjoni mal-

attrici. Skont tali noti, l-attrici rrikorriet l-ghassa taz-Zurrieq fis-17 ta' Gunju 2021 wara li l-intimat kien beda jghajjar lill-attrici u jkellimha hazin fil-pubbliku u kien ser jidhol fiha bil-karozza darbtejn. Kienet infurmathom bl-abbuz fiziku u emozzjonali u t-theddid. Qalet illi l-intimat kien qalilha li hu dejjem ikun jaf fejn ikunu jinsabu meta ma jkunux id-dar **u li kien jixrob erba' (4) fliexken inbid kuljum**. F'Lulju 2021, ix-xhud kienet ghamlet kuntatt mal-attrici fejn giet nfurmatha illi kienu bdew bil-process tas-separazzjoni izda l-intimat kien baqa' jibghatilha l-messaggi jinsulentaha. F'laqgha f'Ottubru l-attrici kienet qaltilha li kienet qabdet lir-ragel fl-infedelta' tieghu. L-inkwiet tal-attrici kien illi l-intimat kien qieghed jirrifjuta li t-tifel jircievi terapija minkejja li kien ra l-abbuz. Kien hemm incident fejn il-intimat kien ra lill-attrici tixtri u beda jghajjarha quddiem in-nies.

F'Ottubru 2021 kien sar kuntatt mal-attrici fejn kienet infurmat lix-xhud illi l-intimat kien rega' heddidha li kien ser iweggaha ghaliex kien haseb li kienet fethitlu xi ittri. Minkejja l-parir li taghmel kuntatt mal-Pulizija, l-attrici irrifjutat biex ma teskalax l-affarijiet. Madanakollu, l-attrici kienet marret tirraporta jumejn wara meta kienet irceviet b'theddidha ohra u tghajjir minghand il-intimat .

F'kuntatt li sar f'Novembru 2021, l-attrici semmiet illi t-tifel kien qalilha li xtaq li timrad f'rasha u ghalija kien car kristal li t-tifel kien qieghed jigi mmanipulat minghand l-intimat. F'Dicembru l-attrici infurmatha li meta marret biex tigbor lit-tifel kien saru allegazzjonijiet fil-konfront taghha li kienet qieghda tmur ma' diversi irgiel.

L-ahhar kuntatt mal-attrici kien sar f'Jannar 2022 fejn kienet infurmatha l-intimat ma kienx zamm mal-ftehim li kienu lehqu dwar il-festi izda imbaghad fl-Ewwel tas-Sena l-intimat kien cempel lit-tifel jhedded li allahares ikun jaf li kien raqad ghand nantu meta kemm l-attrici kif ukoll it-tifel kienu raqdu ghand ommha. Ghalhekk l-attrici hassitha li kien ghadu jikkontrollalha hajjitha.

**Carol Ellul**, in rapprezentanza tad-*Domestic Violence Unit* fi hdan l-Agenzija Appogg li (fol. 160) ezebixxiet kopji tar-*risk assessments* li kienu saru bhala interventi mal-attrici f'Gunju u Ottubru 2021 (fol. 165 et seq.)

**Francesca Borg**, in rapprezentanza tad-*DB Installation* (fol. 140), ezebiet sebgha (7) *payslips* tal-intimat mis-sena 2021 li juri li d-dhul tal-istess intimat huwa ta' medja ta' elf u hmistax-il euro (Eur1015) kull hmistax-il gurnata. Il-intimat kien ilu ingaggat mas-socjeta' rapprezentata minn Settembru 2021 u jaghmel xoghol ta' *electrician* u *plumber*. L-intimat jahdem mis-sebgha ta' filghodu (7am) sat-tlieta u nofs (3.30pm) u jahdem ukoll is-Sibt sa' nofs in-nhar (12pm).

**Angela Farrugia**, omm l-attrici a (fol. 153), xehdet permezz ta' affidavit illi hi u zewgha dejjem ghamlu li setghu sabiex jghinu liz-zewgt itfal taghhom. Lill-attrici kienu tawha l-arja fuq garaxxijiet fiz-Zurrieq sabiex tkun tista' tizviluppa fir-residenza taghha b'titlu ta' donazzjoni u **ezebiet ukoll kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Mario Bugeja (fol. 157)** fil-15 ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007). Sussegwentement ix-xhud **kienet tat somma flus lil bintha sabiex tghinha fis-self li kellhom pendenti mal-Bank**. Il-bini tad-dar sar mill-attrici wahedha meta kienet ghadha xebba. Ix-xhud tispecifika illi d-donazzjoni tal-flus tatha lil bintha esklussivament u **ezebiet document bankarju bhala prova ta' dan**. Madanakollu dan id-dokument ma jispecifikax lil min kienu qieghdin jigu trasferiti l-fondi. Ix-xhud tghid ukoll illi apparti l-flus, hi u zewgha kienu servew ta' garanti mal-Bank kemm-il darba ma jaslux il-partijiet.

Ix-xhud tispjega illi lill-intimat kienet tarah bhala ragel tar-rispett sakemm inbidel minn lejl ghan-nhar wara t-twelid tat-tifel. Tghid illi bintha kienet qaltilha li kemm-il darba offendiha b'referenza lejn missierha. Ix-xhud izzid illi lilha kemm-il darba kien ghaddilha kummenti baxxi u sahansitra kien allega li ma kienetx leali lejn zewgha. Kien prova jaqta' l-kuntatt bejn l-attrici u l-genituri taghha.

Tiftakar illi darba meta iben il-partijiet kien ghadu tarbija, il-partijiet kienu marru bih mawra s'Ghawdex. Kien bil-lejl meta l-attrici marret tigri ghand ix-xhud u qaltilha li l-intimat kien qieghed ibezzaghha li kien ra mara taqsam fejn kienu qieghdin jalloggjaw.

L-intimat kien ihalli lil familtu nieqsa finanzjarjament tant li darba l-attrici kienet talbet lix-xhud ammont zghir ta' flus biex tixtri pizza lit-tifel.

Ix-xhud tghid illi l-intimat kien ilu jsawwat lill-attrici tant li kien bengilha wiccha. Kienu deheru quddiem il-Qorti kompetenti ghalhekk izda l-attrici kienet hafritlu. Tghid illi l-intimat kisser set tal-ghamara tas-sodda li l-attrici kienet iffinanzjat wahedha, inkwadri fil-kuritur, hwejjeg u zraben tal-attrici u diversi *mobile*s tal-attrici. Barra l-vjolenza, kien juza' kliem iebes fil-konfront tal-attrici. Tghid illi darba l-attrici insiet telefonata max-xhud ghaddejja u x-xhud semghet lill-intimat jheddidha. Kien jghajjarha ghaliex li hija "hotbija". Kemm-il darba kien joqghod idur mal-blokka tal-appartamenti li fiha tirrisjedi x-xhud, meta l-attrici kienet tkun ghandha u kien joqghod idoqq il-horn u jitkellem hazin.

Ix-xhud tghid illi darba minnhom iben il-partijiet kellu widintu tugghu u l-intimat ma riedx imur maghhom ic-centru tas-sahha. L-attrici kienet marret bit-tifel wahedha izda dan kien dejjaq lill-intimat tant li kien saq warajha u ghamel parti kbira tat-triq idoqq il-horn.

Ix-xhud issemmi illi l-intimat kien konvint li l-attrici kienet ikkommettiet adulterju ma' ragel li kellu van blu u mal-kollegi mix-xoghol taghha. Madanakollu, kien hu li wettaq adulterju ma' mara li jisimha Josette.

Tghid li ghalija, l-estrem intlehhaq meta l-intimat beda jghid lil iben il-partijiet, affarijiet kontra ommu u kontra x-xhud u dan tafu ghaliex it-tifel kien jirrepeti kollox. Sforz biex tghin lill-partijiet u lil binhom, ix-xhud kienet cemplet lill-omm l-intimat sabiex jippruvaw isibu lil xi hadd biex jghin lill-intimat. Kien hemm diversi drabi meta l-attrici kienet raqdet ghand ix-xhud minhabba li jew ma kienitx tifilhu aktar jew ikun ikecciha. Ix-xhud kienet tghid lil bintha sabiex tmur ghandha bit-tifel kemm-il darba l-l-intimat jkun aggressiv maghhom.

**Daniela Camilleri Sacco**, in rapprezentanza tal-Kullegg San Alwigi xehdet a (fol. 194) qalet li iben il-partijiet ghandu attendenza regolari fl-iskola rapprezentata. Ix-xhud iddeskriviet lit-tifel tal-partijiet bhala tifel ferriehi" izda li ghandu xi diffikultajiet akkademici li kienu qieghdin jigu ndirizzati ghalhekk ma kellhomx thassib dwar il-benessere tieghu. In vista tad-diffikultajiet li kienu osservaw, l-ghalliema tat-tifel kienet kelmet lill-attrici sabiex it-tifel jibda jiehu attenzjoni addizzjonali minn certu Ms Helen Sammut li kellha tidhol fil-klassi tosserva lit-tifel. It-tifel ma kienx qed juri l-bzonn

ghal servizzi provduti minn *councellor* izda jekk ikollu bzonn jigi assessjat minn psikologu edukattiv, hemm hekk ikun hemm il-bzonn tal-firem taz-zewg genituri. Dik is-sena kienet l-attrici biss li kienet attendiet ghal laqgha mal-ghalliema tal-minuri. Iz-zewg genituri kellhom access ghal pjattaforma fejn l-ghalliema jibghatu l-avvizi lill-genituri izda dan jigi mill-genituri nfushom.

Fil-21 ta' Marzu 2022 giet ipprezentata lista tal-oggetti gewwa l-fond matrimonjali li kienu gew imhallsa mill-attrici jew mill-genituri taghha bhala rigali lilha. Fl-istess data giet ipprezentata nota ohra tal-attrici li permezz taghha ezebiet kopji tar-rizultati akkademici tal-minuri iben il-partijiet (fol. 204 et seq.). Dawn ir-rizultati juru wkoll kummenti tal-ghalliema tal-minuri fejn tghid illi iben il-partijiet huwa tifel ferriehi u li tiehu gost bih fil-klassi u li matul is-sena kien ghamel sforz kbir biex jigi 'l quddiem fl-istudji tieghu. Gew ipprezentati wkoll mal-istess nota konverzazzjonijiet bejn il-partijiet tramite messaggi li juru abbuz daparti tal-intimat . Fol. 214 turi messaggi fejn il-missier qal lill-ibnu li ma kienx ser imur ghalih minhabba li m'ghogbitux ir-risposta li kien tah l-istess tifel u li ghall-intimat kienet fisret li t-tifel kien qed izomm m'ommu. Fol. 215 turi set ta' messaggi li l-intimat baghat lill-ibnu jghidlu li ommu qieghda tigri ma' hafna irgiel u li minhabba f'hekk kienet abbandunatu. Fil-messaggi sussegwenti l-intimat jirreferri ghal omm it-tifel b'aggettivi dispregjattivi bhal "tinten", "mahmuga" u "jaq". Fol. 224 turi messaggi li l-intimat baghat lit-tifel jghidlu li ommu marret mal-irgiel imbaghad marret torqod mat-tifel mahmuga. Fol. 225 turi messagg tal-intimat lit-tifel fejn qed jghidlu li ommu kienet ilha tohrog ma' ragel marid mis-sena 2016 u minhabba f'hekk ma kienetx qed tohrog lit-tifel u jghidlu li ommu tkun trid tehles minnu. Fol. 231 turi messaggi fejn l-intimat qieghed jistieden lill-attrici tibghat lis-sieheb taghha jigbor il-manteniment minghand il-intimat , kif ukoll tghajjir fil-konfront ta' omm l-attrici li hija marida serjament. Fol. 232 turi messaggi mibghutha mill-intimat jghajjar lill-attrici kemm-il darba tinsab tqila b'tarbija mis-sieheb taghha u jghidilha li mhix kapaci trabbi. Fol. 234 turi messaggi mill-intimat fejn jghid li qieghed ghassa tas-sieheb tal-attrici.

Nhar l-1 ta' Frar 2023, l-attrici ntavolat nota b'kopja ta' messaggi mibghuta mill-intimat minkejja li kien hemm l-Ordni ta' Protezzjoni in vigore. Dawn il-messaggi juru tentattiv kontinwu sabiex l-intimat johloq konversazzjoni mal-attrici minkejja li din ma kienetx qed twiegbu. Jikkontjenu wkoll tghajjir u allegazzjonijiet li l-attrici kienet

qed thalli lit-tifel tal-partijiet ghand ommha sabiex hi tmur tigri mal-irgiel. Hemm allegazzjonijiet ukoll illi l-attrici qieghda tikkonsma l-kokaina. L-attrici annettiet rizultat tossikologiku li ghamlet nhar l-20 ta' Jannar 2023 sabiex turi li l-allegazzjonijiet tal-kokaina huma nveritiera (fol. 465)[2].

Nhar il-15 ta' Mejju 2023, l-attrici intavolat nota b'erba' (4) *recordings*. Fl-ewwel wiehed il-intimat jinstema' jghid lill-minuri biex iwassal il-messagg lill-ommu sabiex tmur hi tfittex lill-intimat fejn joqghod ghal glied. Fit-tieni *recording* il-intimat jghid lill-minuri illi sejjer jibghat lill-haddiema socjali sabiex ikelmuh u jispjegawlu fejn qed tkun ommu u ma' min, meta thallih ghand nanntu. Fit-tielet *recording* l-intimat jindirizza lill-minuri u jakkuza lill-attrici li nfluwenzat lit-tifel kontra l-intimat . Fir-raba' *recording* l-intimat jghid lill-ibnu li ser ikelmu s-Sibt u jghajjar lill- attrici "imbarazz" kif ukoll jghid illi kien f'pozizzjoni jiehu r-ritratti lill-attrici meta kienet barra.

Il-intimat xehed permezz ta' affidavit debitament mahluf (fol. 261) qal illi l-problemi bejn il-partijiet kienu bdew fis-sena 2016 meta hu l-attrici ried jibni fuq id-dar matrimonjali taghhom izda l-attrici kienet wehlet fl-intimat biex ma thallihx u ghalhekk hu l-attrici kien hadha qatta' bla habel kontrihom u kien anke jbezza' lill-iben il-partijiet. Minn wara dan il-perjodu l-intimat beda jircievi kartolini anonimi b'hafna theddid izda l-Pulizija ma kienux hadu passi jew ezaminaw ghal xi marki tas-swaba'. Jghid illi kienu l-isptar bit-tifel meta kien qabad lill-attrici tibghat il-messaggi izda meta staqsiha lil min, kienet qaltlu li kienet qed tibghat lill-ommha. Sussegwentement kien sabilha messagg minghand habiba taghha li kien isemmi terza persuna u ghalhekk l-intimat beda jissuspetta hazin fl-attrici. Dan wassal sabiex ghall-ahhar snin li l-partijiet ghamlu flimkien, ma jkollhomx relazzjoni tajba bejniethom. L-intimat jghid illi hu jhoss li martu kienet ilha li tilfet l-interess fih u ma kienetx tkun trid tkun intima mieghu. Kienu jitkelmu biss fuq it-tifel u kienu tilfu l-komunikazzjoni ta' bejniethom.

[2] Jigi osservat illi l-allegazzjoni tal-intimat saret fil-messaggi mibghuta nhar it-12 ta' Jannar filwaqt li t-test tossikologiku sar fl-20 ta' Jannar 2023. In vista tat-trapass tal-granet, dan it-test ma jxejjenx l-allegazzjoni minhabba li kienu ghaddew bizzejjed granet li d-droga ma tibqax tracabbli.

Madanakollu waqt il-proceduri ta' medjazzjoni, kien hemm instanzi meta l-attrici kienet tghidlu li trid tirranga u ghalhekk kienet thawdu. Hu kien ikun irid jahdem fuq iz-zwieg tieghu izda kollox gie fix-xejn meta rcieva l-karti tal-kawza.

L-intimat jghid illi l-attrici kienet tilbes ilbies ta' taht provokattiv, kif ukoll tiehu tibdiliet ta' taht zejda maghha x-xoghol. Jghid ukoll illi kienet cemplitlu kugina tal-attrici ghaliex l-attrici riedet tmur tixrob maghha wahedha wara x-xoghol.

Fuq il-flus, l-intimat jghid illi l-attrici dejjem hadmet waqt iz-zwieg u wara li kellhom lit-tifel, hija naqset is-sieghat tax-xoghol. Min-naha tieghu l-intimat xehed illi hu dejjem mantna lil familja tieghu billi kien jghaddi l-flus lill-attrici ghall-hajja. Fl-ahhar erba' (4) snin taz-zwieg, huwa kien jghaddi mija u hamsin euro (Eur150) fil-gimgha minhabba li kellu dhul tajjeb. Huwa xtara wkoll hafna rigali ghat-tifel bhal *mobile, playstation 4, Nintendo, aquariums* u *four-wheeler*. Jghid illi qatt ma kellu problema li jikkontribwixxi u kontra ghal dak li xehdet l-attrici, huwa dejjem ikkontribwixxa ghax-xirjiet tal-ikel, kontijiet tad-dawl u spejjez tat-tifel.

Sa mit-13 ta' Mejju 2021 huwa beda jhallas mitejn euro (Eur200) fix-xahar u ghalih dan huwa ammont ragjonevoli oltre ghal nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghat-tifel. Aparti mill-manteniment huwa ghandu l-hlas tal-kera tal-post ta' fejn qieghed joqghod fl-ammont ta' hames mitt euro (Eur500) fix-xahar oltre ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Huwa dejjem kien lest johrog il-flus ghat-tifel u meta ghamel dan lanqas talab nofshom lill-attrici. Ghat-tifel huwa lest li jikkontribwixxi skont il-bzonnijiet tieghu. Aktar tard jghid illi kien hemm istanza meta l-attrici kienet offrietlu li jkun hu li jrabbi lit-tifel tal-partijiet u hi thallsu l-manteniment. Hu jghid li hu ghadu dispost li jaghmel dan.

Il-intimat jghid illi huwa jezercita access skont id-digriet tal-Qorti izda jixtieq li l-access tieghu ta' matul il-gimgha jizdied minn saghtejn ghal tlett sieghat u jtawwal il-hinijiet tal-access matul il-vaganzi biex ikun jista' jiehu lit-tifel il-bahar jew sa Ghawdex.

L-intimat isemmi xi oggetti parafernali tieghu li ghadu ma hax mid-dar matrimonjali meta telaq, kif ukoll l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf (Eur25,000) li jirraprezenta

sehmu mis-self li l-partijiet kienu hadu mal-bank, kif ukoll l-ammont ta' hmistax-il elf euro (Eur15,000) li jirraprezentaw l-ispejjez li huwa kien ghamel matul il-bini tad-dar matrimonjali qabel ma ttiehed is-self bankarju. Huwa jghid illi qabel iz-zwieg taghhom, l-art li tappartjeni lill-attrici kienet art u haxix biss u kien filfatt hu u l-bennej Andrew Caruana li kienu bnew id-dar. Jghid illi flimkien ma' dan il-bennej huwa ghamel xoghol ta' bini, installar tad-dawl, installar tas-sistema tal-ilma, installar tas-sistema tad-drenagg, twahhil tal-madum u granit, kisi tas-soqfa u kisi tal-appoggi, tqeghid tal-kmamar tal-banju, installar tat-tarag u kien hallas l-ammont tal-aluminium fl-ammont ta' elf u erba' mitt euro (Eur1,400). Kien hareg aktar flejjes li ghalihom kellu l-ircevuti izda dawn jinsabu go fajl iswed fl-istess residenza. *Di piu'* waqt iz-zwieg huwa kien xtara wahdu *air condition* ghal kamra tas-sodda fl-ammont ta' sebgha mija u hamsin euro (Eur750) u sistema ta' *CCTV cameras* fl-ammont ta' elf u tmien mija (Eur1,800).

Jghid illi malli l-partijiet izzewgu, huma mill-ewwel marru jirrisjedu gewwa d-dar matrimonjali.

Il-intimat ipprezenta affidavit ulterjuri nhar is-27 ta' Marzu 2023 (fol. 557) li permezz tieghu huwa informa lil din il-Qorti illi huwa jzomm kuntatt mat-tifel kwazi kuljum jekk l-attrici tippermetti dan. It-tifel juri x-xewqa li l-intimat imur jarah jistharreg il-futbol izda l-attrici ggib l-iskuzi biex twaqqaf dan. Jghid li t-tifel jghidlu li qed iqatta' hafna hin ghand nanntu minflok mieghu. Il-intimat xtralu *playstation* u gie nfurmat li l-attrici qalet lit-tifel biex jarma ghand in-nanna ladarba fi tmiem il-gimgha jkun hemm.

Il-intimat rega' xehed f'dawn il-proceduri waqt is-seduta ta' nhar il-5 ta' Gunju 2023 (fol. 571) u xehed illi l-minuri qed jithalla kull tmiem il-gimgha ghand in-nanna materna sabiex l-attrici tkun tista' tohrog. Xehed illi l-minuri ma jistax izomm il-*mobile* mieghu mixghul ghand nanntu u hu mhux jkelmu fi tmiem il-gimgha minhabba li jkun hemm zijuh. It-tifel esprima mieghu x-xewqa li jorqod ghandu minflok joqghod ghand in-nanna materna. Jghid ukoll illi bhala kastig l-attrici sabtet fuq il-*playstation* li kien xtralu hu.

Il-intimat xehed in kontro-ezami waqt is-seduta ta' nhar it-3 t'Ottubru 2024 (fol. 630). Jghid illi kien wegga' meta sab messaggi tal-attrici li ma setghetx tiltaqa' mas-sieheb taghha ghaliex huha kien xoghol ta' bil-lejl ghaliex kienet qieghda teskludih

kompletament. Meta mistoqsi fuq il-messaggi bi kliem oxxen, il-intimat jinnega ghaliex jghid li l-attrici tinsab bblokatha fuq il-*mobile* tieghu. Jghid illi t-tifel minuri bghatlu *recordings* jghajjar lilu bi kliem li ma jafx minn fejn semmaghhom izda ma setghax jipprezentahom bhala evidenza minhabba li wara t-tifel ihassarhom. Jikkonferma illi ghandu spejjez b'lura li jrid ihallas lill-attrici. Dan hu ghamlu bid-dikjarar ladarba l-attrici baqghet ma ttihx it-tifel nhar ta' Gimgha. Dwar l-access taht supervizjoni jghid illi kellu jikkancella xi vizti meta nqabad xoghol minhabba li qieghed wahdu bhalissa kif ukoll minhabba impenji li kellu relatati mal-festa tar-rahal. Ma jhossx li naqas lit-tifel ghaliex it-tifel kemm-il darba kkancella min-naha tieghu.

Meta mistoqsi dwar il-pretensjonijiet tieghu relatati mad-dar, il-intimat jghid illi jippretendi hamsa u ghoxrin elf euro (Eur25,000) minhabba li kienu hadu self bankarju ta' hamsin elf euro (Eur50,000 ). Dwar il-pretensjoni tal-hmistax (15)-il elf euro (Eur15,000) il-intimat jghid li dawn kienu spejjez li ghamlu flimkien bhal xiri ta' gebel, minghand il-hwienet taz-zebgha, etc. Kien hemm l-ircevuti ta' dan ix-xiri go file iswed li baqa' fid-dar matrimonjali.

Sabiex jikkorroborra l-verzjoni tieghu, il-intimat ressaq is-segwenti provi:

**LP**, r-ragel ta' oht il-intimat , (fol. 271) xehed illi kull fejn hemm il-madum fid-dar matrimonjali tal-partijiet, kien hu li poggih. Kien proprju l-intimat li kien avvicinah biex jaghmel dawn ix-xogholijiet. Kien accetta li jaghmel ix-xoghol **minghajr hlas** fuq kundizzjoni li l-intimat imur jghinu. Ix-xhud ma jiftakarx ezatt meta kien sar dan ix-xoghol izda kienu ghaddew aktar minn ghaxar snin – kien proprju fis-sena ta' qabel it-tieg taghhom. **Jghid illi d-dawl ghaddieh u hadmu l-intimat filqwaqt li flimkien kienu ghaddew is-sistema tal-ilma.** Ix-xhud hass li kellu jaghmel dan ix-xoghol kollu minghajr flus **minhabba li meta hu kien qieghed jibni d-dar tieghu, il-intimat kien mar jghin lilu**. Ix-xhud ma kienx jaf min mill-partijiet kien hallas ghall-materjali li kienu ntuzaw waqt ix-xogholijiet.

**Andrew Caruana**, l-bennej li bena d-dar matrimonjali tal-partijiet, a (fol. 275), sostna illi kienu marru ghandu l-partijiet u missier l-attrici biex jibnilhom id-dar skont il-pjanti. Waqt il-bini kien imur jghinu l-intimat kif ukoll iz-ziju tal-attrici – Kustanz Attard. Ghal dan il-bini, hu kien thallas sitt mitt lira Maltin (Lm600) u **dan l-ammont kienu**

**halsu iz-zewg partijiet u x-xoghol** kien ha madwar hames (5) xhur. Huwa kien bena sular u kamra tal-hasil fuq. Dan ix-xoghol kien sar daqs erbatax (14) jew hmistax (15) -il sena qabel u ghalhekk ghal habta tas-sena 2007. Lill-missier l-attrici u lill-intimat kien jafhom qabel tali xoghol tant li kien jaf li l-proprjeta' kienet ta' l-attrici biss ghaliex kien gieli jmur f'garaxx jithadded ma' missierha. Ix-xhud jiftakar li kien thallas fi flus kontanti miz-zewg partijiet izda ma jiftakarx jekk kienx irrilaxxa ricevuta fiskali minhabba li dan ix-xoghol kien jaghmlu barra l-hinijiet tax-xoghol regolari tieghu.

**GF,** z-ziju tal-intimat , a (fol. 284), xehed li kien involut fil-bini tad-dar matrimonjali billi ghamel is-soqfa t'hemmhekk fuq talba tal-intimat . L-intimat kien imur jaghmillu l-bramel tat-tajn u tal-halib u x-xhud kien jaghmel ix-xoghol. Dawn ix-xogholijiet kienu saru aktar minn ghaxar snin ilu. Ix-xhud ma kienx thallas ta' dawn ix-xogholijiet **ghaliex kien ghamlu ghan-neputi tieghu biex jiffrankalu ftit spejjez.**

**NC,** z-ziju tal-intimat , a (fol. 303), sostna illi hu ghandu s-sengha ta' bajjad. Huwa kien kesa u bajjad l-appoggi tan-naha ta' wara tad-dar matrimonjali in kwistjoni gewwa z-Zurrieq u tali xoghol kien sar qabel il-partijiet kienu zzewgu. **Waqt tali xogholijiet, kien ikun hemm l-intimat jassistih.**

**Hatem Hawash,** in rapprezentanza tal-*ST Microelectronics (Malta) Ltd* a (fol. 333) ezebixxa tmintax (18)-il *payslip* tal-attrici mahruga matul is-sena 2022. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi l-attrici tithallas kull hmistax (15)-il gurnata u ghandha introjtu medja ta' hames mija, hamsa u sittin euro (Eur 565) qabel titnaqqas it-taxxa. Gew ezebiti wkoll l-FS3s tal-attrici ghas-snin 2017 sa 2020 (fol. 372 et seq.)

**Shirley Galea Spiteri,** in rapprezentanza tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, (fol. 448), spjegat lil din il-Qorti illi hi kienet ghamlet kuntatt mal-intimat sabiex jibda l-access izda hu kien infurmaha li kien intavola rikors sabiex l-access ikun jista' jsir barra l-edificcju tal-Agenzija Appogg. Meta kienet regghet cemplet lill-intimat f'Jannar 2023 ghall-aggornament, hu kien infurmaha li kellhom is-seduta l-gimgha ta' wara u li kien ser jaggorna wara.

Permezz ta' nota intavolata fl-10 ta' Novembru tas-sena 2022, il-intimat ipprezenta kopja ta' messaggi li skambja ma' ibnu li fihom hemm dikjarazzjoni ta' mhabba kemm mill-intimat kif ukoll minn iben il-partijiet (fol. 401).

Il-intimat ipprezenta nota sabiex igib a konjizzjoni ta' din il-Qorti illi minkejja d-digriet ta' din il-Qorti ghall-access taht supervizjoni hareg f'Novembru, sa Jannar 2023 ma kienx ghadu gie allokat access. Madanakollu, l-attrici kienet stiednitu jmur jara lit-tifel waqt il-kuncert tal-iskola. Fid-dawl ta' dan, huwa kien iddecieda li ma jarax lit-tifel tieghu gewwa l-Agenzija Appogg. Ma' l-istess nota giet annessa kopja ta' messaggi bejn il-intimat u t-tifel fejn jesprimu li kienu qieghdin jhossu l-mankanza ta' xulxin (fol. 444).

Nhar it-30 ta' Jannar 2023 il-intimat ezebixxa kopja tal-kuntratt ta' kirja li ghandu vigenti ghall-ammont ta' erba' mija u hamsin euro (Eur450) fix-xahar (fol. 445).

**Perit Godwin Abela,** Perit tal-Qorti li xehed in eskussjoni waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu 2023 (fol. 550). Il-perit ha r-rata ta' 30% tal-valur finali bhala ammont ta' *mano d'opera*, kif jigi kkalkulat mill-kuntratturi. Sussegwentement, l-perit intavola nota (fol. 555) li tindika l-istima tieghu ghax-xogholijiet ghas-sena 2007 kienu fl-ammont ta' disgha u tletin elf euro **(Eur39,000)** filwaqt li xoghol tal-idejn kien jammonta ghal hdax-il elf u seba' mija (**Eur11,700**).

L-intimat ipprezenta kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Gudikatura ta' Qorti Kriminali li nghatat kontrih nhar is-16 ta' Dicembru 2022 u li permezz taghha gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih (fol. 565). L-imputazzjonijeiet kienu li insulenta jew hedded lil Carmen Falzon.

**Ray Mifsud**, in rapprezentanza tas-Servizz tal-Access taht Supervizjoni fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, (fol. 602), sostna illi huwa dejjem ikun prezenti ghall-access tas-Sibt u fih josserva relazzjoni tajba bejn il-Missier u t-tifel fejn iqattghu hafna mill-hin jitkelmu fuq il-futbol.

**Erica Farrugia,** in rapprezentanza tas-Servizz tal-Access taht Supervizjoni fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, (fol. 607) ezebiet rapport li hejjiet; liema rapport

jitkellem fuq ir-relazzjoni pozittiva li hemm bejn l-intimat u l-minuri. Waqt il-hin tal-access, jitkelmu fuq l-interessi komuni ta' bejniethom u t-tnejn jesprimu mhabbithom lejn xulxin. F'kull vizta, l-intimat jaghti flus kontanti lill-minuri u l-minuri stqarr li gieli l-attrici haditlu dawn il-flus. Kien hemm incident fejn il-minuri ma kellux il-*mobile* u l-intimat ghamel kuntatt mal-avukata tieghu. Sussegwentement informa lill-minuri li kien ser jaghmel rapport u ghadda kumment sabiex il-minuri jara li l-*mobile* ikollu batterija mimlija minflok imur gol-bars m'ommu. Waqt vizta ohra, l-intimat esprima t-thassib tieghu li xi hadd kien qed izomm lill-minuri milli jikkomunika mieghu izda meta staqsa lill-minuri, dan wiegbu li ma kellux cans. Waqt vizta ohra, kien il-minuri stess li wera messagg lill-haddiema socjali li fih il-intimat kien ghajjar lill-ommu izda esprima x-xewqa li l-haddiema socjali ma tinformax b'dan lill-intimat . Waqt laqgha li nzammet mal-intimat , dan tkellem dwar l-imhabba tieghu lejn il-minuri u li kien frustrat li kellu jarah taht supervizjoni izda xorta tkellem dwar l-attrici b'mod dispregjattiv tant li l-haddiema socjali kellha tfhemu kemm dan jista' jkun ta' detriment ghall-minuri wkoll. F'laqgha mal-attrici, din gharfet li hemm relazzjoni tajba bejn il-missier u l-iben u kienet kuntenta li l-access taht supervizjoni kien sejjer tajjeb. Sussegwentement l-attrici nfurmat lill-haddiema socjali li l-missier kien ghadu qieghed jibghat messaggi lit-tifel b'hafna tghajjir fuq l-omm u li dan kien jaffetwah hazin lit-tifel ghaliex ikun dizappuntat li l-Missier ma jkunx biddel l-imgieba tieghu. Meta l-haddiema socjali tkelmet mal-minuri huwa esprima x-xewqa illi jara lin-nanna paterna u li missieru jbiddel l-attegjament tieghu. Il-haddiema socjali in vista ta' dan kollu rrakomandat illi l-access jitkompla sakemm ikun jidher li l-missier qieghed jahdem fuq l-attegjament tieghu fil-konfront tal-Omm.

Ix-xhud regghet iddeponiet (fol. 622K) fejn minkejja t-trapass ta' xhur bejn id-depozizzjonijiet taghha, l-intimat ma kienx ghamel progress fl-attegjament tieghu u kien ghadu qieghed jitkellem dwar l-omm b'mod dispregjattiv. Xehdet illi kien hemm istanza fejn kien it-tifel stess li ried ihassar l-access wara dizgwid bejnu u bejn il-Missier fuq it-telefonata li suppost issir kuljum. Kien it-tifel stess li waqqaf it-telefonata hekk kif missieru beda jkelmu fuq ommu b'mod dispregjattiv. Ix-xhud ipprezentat rapport dettaljat tal-vizti li sehhew. Kien hemm vizta fejn il-minuri ma deherx interessat li jinteraggixi mal-Missier tant li qaghad fuq il-*mobile* u fl-ahhar tal-access gera lejn il-vettura t'ommu. Fil-vizta tad-29 t'April 2024, il-missier rega' beda jitkellem b'mod dispregjattiv fuq l-omm u meta l-haddiema socjali prezenti waqqfuh, dan hadha

kontrihom. Il-minuri gie mbarrazzat peress li kienu f'restorant. **Il-missier issupervja u telaq mill-access wara biss ghoxrin (20) minuta.** Fil-11 t'April 2024 il-intimat kien baghat messagg lill-haddiema socjali li ma kienx ser jibqa' jara lit-tifel taht supervizjoni izda wara rtira din il-pozizzjoni meta l-haddiema socjali bghattitlu messagg biex jikkonferma. Il-intimat iddeskriva lill-attrici bhala "mara provokanti" waqt komunikazzjoni max-xhud ghaliex skont hu, waqt it-telefonati ma' ibnu hi toqghod tghajru minn taht. Meta l-intimat jigi kkonfrontat fuq l-agir tieghu fil-konfront tal-Omm huwa jsemmi l-fatt li ma jkunx hemm komunikazzjoni m'ibnu nhar ta' Gimgha biex l-omm tkun tista' tohrog. Meta x-xhud tkelmet mal-Omm, din bghatitilha *recordings* ta' telefonati bejn l-intimat u t-tifel li fihom l-intimat jinstema' jitkellem baxx u vulgari u jghid kliem dispreggjattiv fil-konfront tal-Omm. Ix-xhud ikkonfermat mal-minuri illi l-intimat ghadu qieghed jitkellem b'mod dispregjattiv lejn l-Omm specjalment nhar ta' Gimgha u fi tmiem il-gimgha. Ikun hu, il-minuri stess, li jaqta' t-telefonata meta jisma' tali diskors. Il-minuri qalilha li l-missier ikollu attegjament differenti waqt il-vizti taht supervizjoni ghal waqt it-telefonati. Meta l-minuri gie mistoqsi fuq l-access, huwa stqarr li jixtieq li jibqa' bl-istess modalita' fil-prezent.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal firda personali tal-partijiet u jidher illi l-punt l-aktar kontenzjuz f'dawn il-proceduri huwa l-kumpens tal-intimat ghal benefikati li saru fid-dar matrimonjali li hija propjeta' parafernali tal-attrici.

L-attrici tikkontendi illi z-zwieg tkisser minhabba sevizzi, eccezzi, vjolenza domestika kif ukoll adulterju da parti tal-intimat . Il-intimat jichad dan u jghid illi z-zwieg tkisser minhabba adulterju da parti tal-attrici.

Inoltre l-partijiet ghandhom wild minuri u ghalhekk iridu jigu regolati l-aspetti relattivi ghall-istess minuri.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sabiex tasal ghad-decizjoni finali taghha:

***Dwar it-Tkissir taz-Zwieg***

Fir-rigward ta' **sevizzi**, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali b'referenza ghal vjolenza fizika u morali da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju **2018**, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Din il-Qorti tara illi fil-kaz odjern gie ampjament ippruvat mill-attrici li kienet soffriet sevizzi u ingurji kommessi mill-intimat sforz il-konsum esagerat ta' xorb alkoholiku. Tali sevizzi u ingurji filfatt komplew anke waqt il-proceduri tant li din il-Qorti giet mitluba u filfatt ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur l-attrici. Kien minhabba dan l-abbuz kontinwu, t-tghajjir u l-insulti kif ukoll l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-attrici li l-intimat gie ordnat jara lit-tifel tieghu taht is-supervizjoni tal-professjonisti.

Dan l-arrangament hadem ghal ftit zmien izda wara ftit sessjonijiet il-intimat rega' lura ghall-attegjament tieghu u rega' beda jghajjar u jinsulenta lill-attrici fil-prezenza tal-minuri jew tramite messaggi fuq il-*mobile* bejnu u bejn il-minuri, u ghaldaqstant it-tifel beda jitlef l-interess fil-hin u fil-kuntatt ma' missieru.

L-intimat donnu xejn ma jfiehmu illi l-agir tieghu li jghajjar lill-attrici bl-addocc mhux accettabbli; tant li hadha kontra l-professjonist li ttenta jwaqfu u telaq mill-access, kif ukoll ma ghamel xejn biex jahdem fuq din l-attitudni tieghu mill-ewwel rapport ghat-tieni tal-haddiema socjali. Jidher illi l-intimat hu totalment mghomi f'pika ghaliex meta gie mistoqsi dwar tali agir, huwa bhal donnu jiggustifikah billi jghid illi anke l-attrici tinkih meta jcempel lit-tifel u toqghod tipprovokah. Din il-Qorti ghandha provi abbundanti dwar is-sevizzi, eccezzi, ingurji u theddid kommessi mill-intimat izda m'ghandha xejn quddiemha sabiex jigu sostanzjalizzati l-allegazzjonijiet tal-intimat . Lanqas it-tifel tal-partijiet ma kkorroborra l-verzjoni tal-intimat anzi jghid illi xeba' jisma' lill-missieru jitkellem b'dan il-mod fuq ommu u meta gie mistoqsi fuq il-modalita' tal-access, **esprima x-xewqa li jibqa' taht supervizjoni ghaliex donnu l-minuri diga rrealizza illi fil-prezenza ta' professjonist, missieru forsi jgib ruhu xi ftit ahjar.**

Il-intimat jallega illi l-attrici bezqet f'wicc it-tifel izda din l-allegazzjoni giet investigata mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal u ma gietx ivverifikata. Imbaghad hemm l-allegazzjonijiet maghmula miz-zewg partijiet illi l-parti l-ohra kkomettiet adulterju. L-attrici tghid illi z-zwieg tal-partijiet sfaxxa meta sabet messagg tal-intimat lil habiba li ghandhom u li kienu johorgu bhala koppji. L-attrici pprezentat ritratt tal-messagg izda xejn aktar. Min-naha tieghu l-intimat jghid illi l-attrici kissret iz-zwieg meta bdiet relazzjoni extramaritali ma' kollega taghha. Fil-messaggi lill-attrici u lit-tifel, l-intimat kemm-il darba jsemmi li jaf ezatt fejn tkun u jirreferi ghall-allegat sieheb taghha. Gew ezebiti kopja ta' messaggi fejn anke saru allegazzjonijiet li l-attrici kienet harget tqila mis-sieheb taghha. **Madanakollu, quddiem din il-Qorti ma gew ezebiti l-ebda provi mill-intimat li jikkorroborraw dawn il-fatti**. Ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li z-zwieg tal-partijiet tkisser minhabba adulterju la dak allegat mill-attrici wisq anqas dak allegat mill-intimat.

Inoltre, l-attrici ssostni li z-zwieg tal-partijiet tkisser ukoll minhabba vjolenza domestika kommessa fuqha mill-intimat. Quddiem din il-Qorti tressqu provi dokumentarji inkluz rapport lill-Pulizija, professjonisti li assistew lill-attrici, certifikat mediku u ritratti li jikkorroborraw din is-sottomissjoni. L-intimat jargumenta illi ladarba gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti mhux f'pozizzjoni li tiddeduci li filfatt kien hemm vjolenza domestika. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-proceduri penali jitolbu livell ta' provi 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mentri dawn il-proceduri jinsabu fil-kamp civili li ma jirrikjedix l-istess livell ta' provi. Mill-provi mressqa quddiemha, jirrizulta sodisfacentement ippruvat il-verzjoni tal-attrici. *Di piu'* il-intimat kellu kull opportunita' li jaghmel kontro-ezami lix-xhieda mressqa mill-attrici sabiex ixejjen il-kredibilita' taghhom; dan m'ghamlux u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkontribwixxi l-ebda element ta' dubju fuq il-veracita' tax-xhieda moghtija kemm mill-professjonisti, kif ukoll mix-xhieda l-ohra tal-attrici inkluz ommha.

In vista tas-suespost, din il-Qorti tqis illi z-zwieg tal-partijiet tkisser ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat .

***Dwar il-kura u l-kustodja u l-access tal-minuri***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li fejn si tratta ta tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox il-principju ewlieni ta' ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [3] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

[3] Enfazi tal-Qorti.

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

---

[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell** (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux***

> ***mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Inoltre ssir referenza ghal-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament preseduta li nghata fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet *Maria Kristina Pace vs Michael Tewogbola* fejn din il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> ***Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni taghha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bazika. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi, fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija "tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala Sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom." Dan l-insenjament kompla gie elaborate fis-sentenza Scott Schembri vs Dorianne Polidano, fejn il-Qorti sahqet illi "filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri."***

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Din il-Qorti tara illi fil-kaz odjern il-intimat mhux kapaci jikkomunika mal-attrici jew mat-tifel tal-partijiet minghajr tghajjir u, jew insulti. Il-intimat ma jafx jiddistingwi meta qieghed jitkellem mal-attrici jew mal-minuri. Inoltre ingiebu ghall-attenzjoni tal-Qorti cirkostanzi fejn l-intimat agixxa proprju ghal kuntrarju tal-interessi supremi tal-minuri bhal meta cempillu biex jinfurmah x'kien intqal mal-haddiema socjali **lejliet l-ezami**, meta rexu waqt l-access minhabba li t-tifel ma kellux il-*mobile* tieghu bil-batterija *on full charge*, bhal meta qaghad jimla' ras it-tifel li kulhadd gewwa z-Zurrieq qieghed jghid kontra ommu.

[10] Enfazi tal-Qorti.

Inoltre l-intimat certament ma jafx jaghmel distinzjoni bejn ir-rabja lejn martu ghall-fatt li bdiet il-proceduri ta' separazzjoni u l-komunikazzjoni mat-tifel. Dan ghaliex il-intimat irrifjuta li jghaddi l-manteniment sakemm tghaddi tieghu u jkollu lit-tifel mieghu nhar ta' Gimgha. L-intimat lanqas ma gharaf illi l-manteniment huwa obbligu tieghu bhala genitur u meta kien hemm istanza li l-attrici talbitu l-manteniment, huwa qalilha sabiex tmur mal-irgiel ghal flus. Din l-istess attitudni pikuza u pjuttost infantili wkoll tohrog mill-fatt illi l-intimat qieghed jonqos milli jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri waqt li ghazel minflok li jixtrilu l-*playstation* u televizjoni sabiex jirbah lit-tifel b'dawn ir-rigali.

Ghaldaqstant in vista tan-nuqqas tal-intimat li jikkomunika mal-attrici b'dicenza u b'mod civili, kif ukoll stante n-nuqqas tieghu li jagixxi fl-interess suprem tal-minuri, din il-Qorti tqis li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata f'idejn l-attrici u dan biex jigu evitati litigji u dizgwid ulterjuri bejn il-partijiet. Ghall-istess ragunijiet, din il-Qorti tordna illi l-modalita' tal-access tibqa' kif inhi fil-prezent, anke minhabba li din kienet ix-xewqa tal-minuri nnifsu u s-supervizjoni tinbidel f'moniteragg meta l-professjonisti fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal jkunu tal-fehma illi l-attegjament tal-intimat inbidel ghall-ahjar u li qed jaghraf ma jaghmilx aktar hsara lill-minuri.

***<u>Dwar il-manteniment ghall-ulied</u>***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-***

***Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-**Qorti tal-Appell** fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**<u>Ikkonsidrat:</u>**

Fil-kaz odjern, din il-Qorti tqis illi l-intimat qieghed ihallas manteniment li hu ritenut minn din il-Qorti bhala l-kontribut minimu minn kull genitur li ghandu introjtu stabbli izda minimu. Din il-Qorti tqis il-fatturi segwenti u cjoe illi (i) il-intimat ghandu impjieg stabbli u li jaqla' paga 'l fuq mill-minimu, (ii) li dan huwa l-unika kontribuzzjoni li qed jaghti ghat-trobbija ta' ibnu, (iii) illi fil-bidu tal-proceduri kien qieghed jikkontribwixxi aktar milli qieghed jikkontribwixxi fil-prezent u dan bi qbil bejn il-partijiet (iv) illi l-intimat ghandu arretrati ta' spejjez xi jhallas lill-attrici relatati mal-edukazzjoni tal-ibnu meta ghandu ntrojtu komdu u (v) l-attegjament pikuz tal-intimat illi ma jhallasx lill-attrici ghax mhux jara lit-tifel meta jrid jew ghax xtralu televizjoni jew abbonament mensili ta' loghbha. In vista ta' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tordna illi l-intimat jhallas manteniment fl-ammont ta' tlett mija u hamsin euro (Eur350) kull l-ewwel gurnata tax-xahar f'kont bankarju intestat f'isem l-attrici permezz ta' *standing order*

liema ammont ikun jinkludi wkoll sehemu mill-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni u attivita' extra-kurrikulari tal-minuri.

Tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Kemm-il darba l-minuri jibqa' jistudja fuq bazi *full-time* l-manteniment jibqa' jithallas sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jittermina l-istudji tieghu skont liema cirkostanza tivverifika ruhha l-ewwel. Kemm-il darba l-minuri ma jibqax jirrisjedi mal-attrici bejn l-eta' ta' tmintax (18)-il sena sakemm il-manteniment jibqa' dovut, tali manteniment irid jigi vversat direttament lill-minuri.

***<u>Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti</u>***

Il-punt tat-tluq dwar din il-vertenza ghandu jkun dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Frar 1950 fis-sentenza bl-ismijiet ***Farmacista Giuseppe Debono vs Felice Mercieca,*** kif isegwi:

> ***Jinghad ukoll li d-drittijiet tar-ragel u l-mara mizzewgin ghall-komunjoni, salv disposizzjonijiet ohra tal-ligi, jibdew minn dak in-nhar taz-zwieg, u jispiccaw malli jinhall iz-zwieg (art. 1363 (art. 1319) Kodici Civili. L-akkwisti, wara li jitnaqqsu d-djun, jappartjenu lir-ragel u l-mara f'porzjonijiet ugwali…. Liema akkwisti jidhlu fil-komunjoni ta' l-akkwisti jinghad fl-art. 1364 (art. 1320), u fost dawn, l-artikolu jrid li tidhol il-proprjeta' akkwistata bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ghalkemm l-akkwist ta' dawna l-hwejjeg ikun sar fl-isem tar-ragel biss jew tal-mara biss; u fl-art. 1365 (art. 1321) tal-Kodici Civili giet mahluqa l-presunzjoni, f'nuqqas ta' prova "in contrario", li kull ma huwa fil-pussess tal-mara u r-ragel, jew wiehed jew wahda minnhom, huwa prezunt akkwist, salv dak li jinghad fis-subsezzjoni (2) ta' l-istess artikolu.***

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Il-partijiet izzewgu nhar is-17 t'Ottubru 2009 u ghalhekk din hija d-data ta' meta l-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita. Hemm qbil bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali bl-indirizz ta' **11 Arturo Dimech Street, Zurrieq** hija **parafernali**

**tal-attrici**. L-attrici inghatat l-arja ta' fuq zewg *garages* li kienu jappartjenu lill-genituri taghha **permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Mario Bugeja ppubblikat nhar fil-15 ta' Novembru 2007** u ghalhekk qabel ma' l-partijiet izzewgu.

L-attrici ezebixxiet set ta' ircevuti bhala prova illi hafna mill-ispejjez tal-bini tal-istess proprjeta' saru minnha u minn missierha. Il-intimat min-naha tieghu ressaq xhieda u pprova lil din il-Qorti illi certu xogholijiet sabiex tlestiet id-dar u giet fi stat abitabbli sar minn familjari tieghu u dan minghajr hlas. Gie ippruvat ukoll illi hu kien imur jghin lil dawn il-familjari tieghu waqt ix-xogholijiet. L-intimat issa qieghed jippretendi li jigi kkumpensat ghall-ispejjez li nefaq meta kien hemm ix-xogholijiet ghaddejjin. L-intimat jghid li mhux f'pozizzjoni illi jressaq provi dokumentarji dwar dawn l-ispejjez minhabba li l-ircevuti jinsabu go *file* iswed li halla warajh gewwa d-dar matrimonjali. Il-Perit Godwin Abela inkarigat minn din il-Qorti stima tax-xoghol tal-kostruzzjoni fis-somma ta' disgha u tletin elf (Ewro 39,000) waqt li ta stima tal-idejn li sar fil-fond matrimonjali fl-ammont ta' hdax-il elf u seba' mija (Eur11,700) ghas-sena 2007. Ghar-rigward tax-xoghol tal-mano d'opera f'ammont ta' hdax-il elf u seba' mitt ewro (Ewro 11,7000) dawn huma sostanzjati mhux biss mill-istima tal-Perit Abela izda mill-haddiem uhud minnhom familjari tal-intimat li jikkonferma li huma hadmu b'xejn ghaliex l-intimat kien ghenhom meta familjari taghhom kienu jehtiegu xoghol simili.

Hemm imbaghad il-pretensjoni tal-intimat li jigi kkumpensat ghas-sehem tieghu mill-pagamenti mensili li kienu jaghmlu l-partijiet fuq is-self bankarju li kienu hadu ghall-ghamara u l-attrezzaturi ta' gewwa d-dar. Gie ppruvat illi l-partijiet hadu self bankarju fl-ammont ta' sebgha u erbghin elf euro (Eur47,000) permezz ta' kuntratt ta' self li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Sandra Bugeja nhar it-23 ta' Mejju 2008. **Din il-Qorti ghandha quddiemha prova dokumentarja permezz ta' xhud oggettiv u cjoe' ir-rapprezentanta tal-Bank *HSBC Bank Malta p.l.c.* li pprezentat kopja ta' cekk (fol. 97) ghall-ammont ta' hamsin elf euro (Eur50,000) mghoddi lill-entrambi mill-partijiet nhar it-18 t'Ottubru 2011. Ghalhekk il-intimat mhux korrett meta qieghed jippretendi li jigi kkumpensat bl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf euro (Eur25,000)** ghaliex tali ammont kien ikun dovut lilu li kieku l-partijiet filfatt halsu tali ammont. Il-fatt li s-self taghhom

gie mifdi permezz ta' donazzjoni mghoddija lilhom minghand omm l-attrici, jxejjen il-pretensjoni tal-intimat li jigi hekk ikkumpensat. Il-intimat *semai* ghandu jigi kkumpensat nofs l-ammont tal-pagamenti mensili li filfatt saru mill-partijiet matul iz-zwieg taghhom. Mir-rendikonti bankarji pprezentati mir-rapprezentanti tal-Bank, johrog illi l-pagamenti li l-partijiet kienu ghamlu flimkien waqt iz-zwieg taghhom kien fl-ammont ta' **sitt elef tmien mija u tletin euro u erbghin centezu (Eur6,830.40),** kif ukoll gie kkonfermat mill-istess intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Ghalhekk l-intimat huwa intitolat ghal nofs dan l-ammont u konsegwentement din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tordna lill-attrici tikkumpensa lill-intimat bl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u hmistax -il euro u ghoxrin centezmu **(Eur3,415.20).**

L-intimat huwa ntitolat ukoll ghal erbat elef, erbgha mija u tnejn u ghoxrin u wiehed u sittin centezmu (**Ewro4,422.61)** li huwa x-xoghol tal-idejn fir-rigward tax-xoghlijiet tal-finishes u l-installazzjonijiet.

Il-intimat jippretendi li jigi kkumpensat ghal *uni*t tal-arja kkundizzjonata li ghamel fil-kamra tas-sodda u ghas-sistema tas-*CCTV Cameras* li hallashom kompletament hu. Din il-Qorti tirrileva li dawn huma oggetti li jintuzaw ta' kuljum u li certament gawdex minnhom il-familja kollha matul iz-zwieg. L-intimat kien qieghed igawdi mill-bqija tal-installazzjonijiet li ghamlet l-attrici u tal-attrezzaturi li ghamlu l-partijiet mis-self bankarju li imbaghad gie mifdi bid-donazzjoni li tathom omm l-attrici. Meta wiehed jara kemm gawda minn affarijiet ghaz-zewg installazzjonijiet li ghamel kompletament hu, din il-Qorti ma tqisx li jkun ekwu li l-intimat jigi mhallas kumpens ghal dawn. Din il-pozizzjoni hija *in linea* wkoll mas-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** Rikors Gur Nru 151/18 AL li nghatat minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta nhat l-20 ta' Marzu 2025.

Ghaldaqstant, il-krediti parafernali tal-intimat huma s-segwenti:

**Ewro 11,700 +,**

**Ewro 4,422**

**Ewro 3,415.20**

**Total 19,537.20**

Il-bqija tal-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fiz-zewg vetturi li r-rapprezentant tal-Awtorita' ghat-Transport f'Malta ipprezenta rekords taghhom. Jirrizulta li l-partijiet ghandhom vettura kull wiehed registrata f'isimhom u fil-pussess taghhom ghalhekk din il-Qorti qieghda tassenja lil kull parti l-vettura li diga' tinsab registrata u fil-pussess taghha jew tieghu. Ma tresqux provi ulterjuri li l-partijiet ghandhom xi proprjeta' ohra, mobbli jew immobbli, li trid tigi diviza, likwida u assenjata.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi r-rikors guramentat intavolat mill-attrici Carmen Falzon nhar il-25 ta' Novembru 2020, billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat fosthom eccessi, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza kommessi mill-intimat fuq martu;**

2) **Tilqa' limitatament it-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn ir-rikorrenti Omm, b'dana illi l-Minuri jkompli jirrisjedi mal-Omm li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha ordinarji li jirrigwardaw lill-minuri b'mod esklussiv izda decizjonijiet straordinarji jibqghu jirrikjedu l-ftehim tal-partijiet jew fin-nuqqas, l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti; din il-Qorti tordna illi l-modalita' tal-access tibqa' kif inhi fil-prezent, anke minhabba li din kienet ix-xewqa tal-minuri nnifsu u s-supervizjoni tinbidel f'moniteragg meta l-professjonisti fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal jkunu tal-fehma illi l-attegjament tal-intimat inbidel ghall-ahjar u li qed jaghraf ma jaghmilx aktar hsara lill-minuri.**

3) **Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-intimat jibda jhallas manteniment fl-ammont ta' tlett mija u hamsin euro (Eur350) kull l-ewwel gurnata tax-**

**xahar f'kont bankarju intestat f'isem l-attrici permezz ta' *standing order* liema ammont ikun jinkludi wkoll sehem l-intimat mill-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni u attivita' extra kurrikulari tal-minuri. Tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena. Kemm-il darba l-minuri jibqa' jistudja fuq bazi *full-time* l-manteniment jibqa' jithallas sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jittermina l-istudji tieghu skont liema cirkostanza tivverifika ruhha l-ewwel. Kemm-il darba l-minuri ma jibqax jirrisjedi mal-attrici bejn l-eta' ta' tmintax (18)-il sena sakemm il-manteniment jibqa' dovut, tali manteniment irid jigi vversat direttament lill-minuri. Tali manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ppubblikati ghall-gholi tal-hajja;**

4) **Tichad ir-raba' talba;**

5) **Tichad il-hames talba stante li l-modalita' tal-pagament tas-salarju hija differenti mill-modalita' tal-manteniment kif stipulat fid-decide numru 3;**

6) **Tilqa' limitatament is-sitt talba billi tordna x-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess u billi tistabilixxi d-data tal-ewwel incident ta' vjolenza domestika li fuqu l-attrici hadet azzjoni u cjoe il-25 ta' Dicembru 2017 bhala d- data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti. Tordna lill-attrici thallas lill-intimat l-ammont ta' dsatax-il elf hames mija seba' u tletin ewro u ghoxrin centezmu (Ewro 19,537.20)[11] bhala restituzzjoni tal-beni u krediti parafernali tal-intimat li nvesta fil-fond li jappartjeni esklussivament lill-attrici;**

7) **Tilqa' s-seba' talba kif dedotta;**

8) **Tilqa' t-tmien talba u tassenja lil kull parti l-vettura li diga' tinsab registrata u fil-pussess taghha jew tieghu. Tassenja lil kull parti l-**

[11] Ewro 11,700 + 4,422 + 3,415.20 = 19,537.20

**kontijiet bankarji ntestati f'isimhom u tordna li kwalunkwe kont bankarju intestat konguntivament f'isem iz-zewg partijiet jinghalaq fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza u l-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;**

9) **Tichad id-disa' talba stante li dan ma jirrizultax mill-provi;**

10) **Tilqa' l-ghaxar talba;**

11) **Tilqa' l-hdax-il taba.**

**L-eccezzjonijiet tal-intimat qeghdin jigu michuda jew milquha kif fuq indikat.**

**Spejjez kontra l-intimat .**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**